



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8115/20

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0262 (NLE)

AVIATION 83
RELEX 347
USA 23

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmit fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...

ta'

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmat fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti¹ (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Anċillari") ġie ffirmat fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011.
- (2) F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja², l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Ftehim Anċillari jrid jiġi maqbul permezz ta' Protokoll għal dak il-Ftehim, konkluż bejn il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fisem l-Istati Membri, u l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja.
- (3) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati bil-għan li tikkonkludi Protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari sabiex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll").
- (4) In-negozjati ġew konklużi b'suċċess u l-Protokoll ġie inizjalat fit-8 ta' Marzu 2019.

¹ ĠU L 283, 29.10.2011, p. 16.

² ĠU L 112, 24.4.2012, p. 21.

- (5) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi ffirmit u jenħtieġ li japplika provviżorjament f'konformità mal-Artikolu 4 tiegħu, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmit fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll"), huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.¹

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa sabiex jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

¹ It-test tal-Protokoll ġie ppubblikat fi ... [daħħal ir-referenza tal-ĠU].

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu japplika provviżorjament f'konformità mal-Artikolu 4 tiegħu, sa meta jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President
